# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru 2016

Appell Nru: 229/2014

**Il-Pulizja**

**(Ass. Kummissarju Carmelo Magri)**

**Vs**

**John Mary Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat John Mary Cachia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 752761M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Lulju, 2006 u fis-snin ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2014, li biha lliberat lill-appellat wara li ma sabitx htija fih;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2014, li bih talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-imputat appellat John Mary Cachia hati tal-unika akkuza dedotta kontrieh u konsegwentement timponi l-piena idoneja skond il-ligi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellat kien misjub fil-pussess ta' *cordless drill* li seba' snin qabel kien jifforma parti minn diversi bicciet tal-ghodda misruqa minn gewwa hanut tax-xoghol fil-Marsa. Sid l-ghodda kien gharaf dan id-*drill,* anke jekk kellu parti minnu modifikata, wara li habib tieghu kien gibidlu l-attenzjoni li kien rah fil-hanut garage tal-appellat li fih isewwi magni ta' vetturi. Irrizulta li r-raguni li l-appellat kien vvanta lill-Pulizija waqt l-indagini taghha li kien xtara dan id-*drill* ma kienitx minnha u wara li kien stqarr li dak kien hallieh ghandu persuna ohra li kien jaghmel xi xoghol okkazjonalment fil-garage tieghu, liema persuna kkonfermat li kienet hi li xtrat id-*drill* minn fuq l-idejn, l-Pulizija ressqet lill-appellat biex iwiegeb ghall-imputazzjoni odjerna;

L-Avukat Generali donnu qieghed jappella fuq il-motivazzjoni zbaljata tal-ewwel Qorti li wasslitha biex tillibera lill-appellat. Huwa jargumenta illi l-ahhar kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad hija ambigwa u tista' tkun interpretata f' iktar minn sens wiehed bir-rizultat li l-motivazzjoni wara d-decizjoni tal-Qorti ma hijiex cara. L-Avukat Generali qed jirreferi ghas-segwenti bran mis-sentenza appellata: *"Anke jekk l-istess reat jitkellem dwar min jilqa' ghandu u certament l-imputat laqa' ghandu u zamm l-ghodda ghal seba' (7) snin, xorta manca l-element tal-provenjenza tas-serq, almenu dan mill-atti ma jirrizultax"*

2. Il-bran fuq citat, skond l-Avukat Generali jista' jiftiehem b'zewg modi. Fl-ewwel li ma ngabet l-ebda prova li kienet sehhet serqa mill-Marsa u f'dak il-kaz allura mhux mifhum kif l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni meta ingiebet prova ampja in rigward billi kien esebit il-process verbal tal-inkjesta in rigward. Fit-tieni lok tista' tiftiehem illi ma ngiebet ebda prova li l-ghodda misjuba ghand l-appellat kellha provenjenza minn serq liema konkluzzjoni allura hija necessarjament zbaljata;

3. Ezaminati l-atti jemergi illi meta il-Pulizija investigat is-sejba tad-*drill*, l-appellat ghall-ewwel kien stqarr illi dak id-drill kien xtrah izda l-agent ta' dik il-bicca ghodda partikolari cahad li dan seta' kien il-kaz ghaliex dak id-*drill* jinbigh b'*chuck* differenti. Konfrontat b'dan il-fatt, l-appellat kien iddecieda li jghid il-verita, igifieri li dak id-*drill* kien jappartjeni lill-persuna li fil-passat kien jahdem ghandu u li kultant tmur ghandu biex taghmel xi xoghol. L-appellat rrefera ghal-certu Naser Behag li xehed quddiem l-ewwel Qorti u kkonferma li d-*drill* kien jappartjeni lilu u li kien xtrah mill-idejn senjatament minghand certu Rodney Vella. Dan tal-ahhar izda cahad illi qatt kien ta xi haga lil Behag minkejja li kien jaf lill-appellat ghaliex Behag kien ressqu ghandu meta kien bzonn ta' electrician tal-karozzi;

4. Mill-assjem tal-provi jemergi illi l-ewwel Qorti emmnet lill-appellat meta spjega illi dak id-*drill* ma kienx tieghu izda kien ta' Behag, liema raguni kienet it-tieni wahda li ta lill-Pulizija meta kkonfrontawh bil-fatt illi ma setax kien li xtara d-*drill* fi stat gdid. Issa, kif gustament rilevat mill-Avukat Generali kwantu ghar-reat ta' ricettazzjoni ravvizat fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali l-prosekuzzjoni kellha tipprova, *inter alia*, li l-oggett mertu tal-kawza kien ta' provenjenza illecita. Wara li din il-Qorti skrutinat s-sentenza appellata, jidher li l-ewwel Qorti fil-konkluzzjoni taghha riedet tghid illi kien mankanti l-element tax-xjenza tal-provenjenza illecita tad-*drill* u mhux li ma kienx hemm il-prova li kien provenjenti minn serq. Dan ma setghax kien mod iehor ghaliex lill-ewwel Qorti rrizulta li kienet sehhet serqa snin qabel bl-atti tal-inkjesti esebiti in atti u bl-oggett elenkat fil-lista tal-ghodda misruqa. L-ahhar motivazzjoni tal-ewwel Qorti, allura kwerelata mill-Avukat Generali, ma tistax hlief tiftiehem illi l-appellat ma kienx jaf u ma kellux ghalfejn jissuspetta li dak id-*drill*, li wara kollox kien jappartjeni lill-Behag, kien provenjenti minn serq.

5. Illi ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn irragjonevoli fil-konkluzzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad u konsegwentement qed tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.